

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Gent (il-Belġju) fit-30 ta' Novembru 2009 — Vandoorne NV vs Belgische Staat**

(Kawża C-489/09)

(2010/C 37/23)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hof van beroep te Gent (il-Belġju)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Vandoorne NV

Konvenut: Belgische Staat

**Domanda preliminari**

Il-leġiżlazzjoni Belġjana, b'mod partikolari, l-Artikolu 58(1), flimkien mal-Artikolu 77(1)(7) tal-Kodiċi tat-VAT, hija leġiżlazzjoni konformi mal-Artikolu 27 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE<sup>(1)</sup>, li jippermetti lill-Istati Membri li jaddottaw miżuri ta' simplifikazzjoni, u/jew mal-Artikolu 11C(1) ta' din l-istess Direttiva, li jagħti d-dritt għal rifużjoni tal-VAT fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas totali jew parzjali, sa fejn din (1) tintroduċi simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT għall-kunsinna ta' prodotti tat-tabakk billi timponi ġbir wieħed fras il-għajn, u (2) ma tagħti l-ebda dritt lill-persuni taxxabli, li ħallsu l-VAT fuq dawn il-prodotti tat-tabakk fl-istadji intermedjarji, għar-rifużjoni tal-VAT minħabba t-telf totali jew parzjali tal-prezz?

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23 - 62).

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu**

(Kawża C-490/09)

(2010/C 37/24)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u E. Traversa, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi żamm fis-seħħ, bit-test attwali tagħhom, l-Artikolu 24 tal-Kodiċi tal-assigurazzjonijiet soċjali li jeskludi l-ħlas lura tal-ispejjeż ta' analiżi ta' bijoloġija medika mwettqa fi Stat Membru ieħor u li jipprovdi biss għall-ħlas ta' dawn l-analiżi permezz ta' persuna terza li tħallas u l-Artikolu 12 tal-Istatuti tal-Unjoni tal-iskemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jissuġġetta l-ħlas lura tal-ispejjeż ta' analiżi ta' bijoloġija medika mwettqa fi Stat Membru ieħor għall-osservanza totali tal-kundizzjonijiet ta' deroga previsti mill-konvenzjonijiet nazzjonali Lussemburgiżi, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu [49] tat-Trattat KE;

— tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea ssostni li, billi żamm fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jeskludu l-ħlas lura tal-analiżi u l-eżamijiet tal-laboratorju ta' bijoloġija medika mwettqa fi Stati Membri oħra, jew li jissuġġeraw tali ħlas lura għall-osservanza totali tal-kundizzjonijiet ta' deroga previsti mil-leġiżlazzjoni Lussemburgiża, il-konvenut kiser il-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, stabbilit mill-Artikolu 49 KE.

Ir-rikorrenti tirrileva, bħala eżempju, li l-awtoritajiet nazzjonali jħallsu lura l-ispejjeż ta' analiżi u eżami biss fil-każijiet fejn dawn jitwettqu fi ħdan laboratorju ta' analiżi separat, b'osservanza totali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni Lussemburgiża. Issa, f'ċerti Stati Membri, tali analiżi ma jitwettqux fl-laboratorju, iżda mit-tobba stess.

Skont il-Kummissjoni, ir-restrizzjonijiet inkwistjoni ma jstgħux jiġu ġġustifikati minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u barra minn hekk ma jirrapreżentawx miżura indispensabbli u proporzjonata sabiex jintlaħaq l-għan segwit ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika.

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-493/09)

(2010/C 37/25)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u M. Afonso, aġenti)